Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# L-aqwa pariri biex tqajjem tħassib



## Jekk għandek tħassib dwar is-servizzi tal-kura tal-anzjani li int jew xi ħaddieħor qed jirċievi, int tista’ titkellem dwar dan.

Issa persuni akbar fl-età għandhom  drittijet u protezzjonijiet aktar b’saħħithom wara il-bidliet riċenti fil-liġijiet dwar il-kura tal-anzjani fl-Awstralja.

Dawn il-bidliet jinkludu Stejtment tad-Drittijiet għal persuni akbar fl-età li qed jirċievu servizzi tal-kura tal-anzjani. Dawn jinkludu d-dritt li tieħu d-deċiżjonijiet tiegħek stess, li tkun irrispettat u tħossok sigur.

Persuni akbar fl-età għandhom ukoll id-dritt li jikkomunikaw il-bżonnijiet u l-preferenzi tagħhom, li jaraw li l-kulturi u l-identità tagħhom ikunu rrispettati, u jibqgħu ikkonettjati mal-komunità tagħhom.

## Qabel ma tqajjem tħassib

Hu importanti li tkun ċar kemm jista’ jkun dwar x’inhu t-tħassib tiegħek.

Ipprova ikteb it-tħassib tiegħek jew tkellem dwaru permezz ta’ persuna li tafda. Dan jista’ jgħinek tniżżel it-tagħrif b’mod loġiku. Ipprova ehmeż l-aktar informazzjoni dettaljata possibbli, bħal ismijiet, dati u postijiet.

Dan jagħmilha aktar faċli għall-provveditur, ħaddiem jew persuna responsabbli jifhem x’ġara. Dan jagħtik ukoll rekord bil-miktub tat-tħassib tiegħek.

Hu importanti wkoll taħseb dwar xi trid li jiġri wara li tqajjem it-tħassib tiegħek. Żomm f’moħħok li għandha tkun raġjonevoli, li tista’ tintlaħaq u li hi fl-aħjar interess tal-persuna akbar fl-età li qed tirċievi l-kura.

Jekk għandek tħassib dwar il-provveditur, ħaddiem jew persuna responsabbli tal-kura tal-anzjani, int tista’ titkellem mal-provveditur jew magħna. ‘Persuna responsabbli’ hi persuna li hi responsabbli għal jew għandha influwenza sinifikanti fuq is-servizzi imwassla mill-provveditur.

## Pariri biex jgħinuk tqajjem it-tħassib tiegħek

- Jekk l-ewwelnett titkellem mal-provveditur tiegħek dan hu l-aktar mod faċli u ta' malajr biex issolvi l-problema. M'inti ser tiġi fl-ebda inkwiet jekk ikollok bżonn titkellem, u dan jista' jtejjeb il-kwalità tal-kura għal kulħadd. Provveditur, ħaddiem jew persuna responsabbli ma jistgħux jikkastigawk jew jittrattawk b'mod differenti għax tkun qajjimt xi tħassib.
- Staqsi lill-provveditur kif ser jieħu ħsieb it-tħassib tiegħek u kemm ser jieħu żmien biex isolvih.
- Jekk it-tħassib tiegħek hu dwar xi ħaġa kkomplikata jew serja, int tista' titlob li tkellem lill-maniġer.
- Jekk tiffissa ħin biex tiltaqa' ma' xi ħadd wiċċ imb' wiċċ dan għandu mnejn jagħmilha aktar faċli għalihom biex jiffukaw fuq it-tħassib tiegħek.
- Jekk int tħossok imdejjaq, irrabjat jew frustrat dwar xi affarijiet li jistgħu jolqtuk jew lil maħbub/a tiegħek din hi xi ħaġa li nifmuha. Imma, jekk trid tgħin lill-provveditur, ħaddiem jew persuna responsabbli tassessja t-tħassib tiegħek, l-aħjar ħaġa hi li titkellem biss dwar il-fatti meta int tiddeskrivi x'ġara.
- Itlob lill-provveditur biex jirrepetilek it-tħassib tiegħek biex tkun żgur li jkun fehmek. Int tista' wkoll tistaqsihom iniżżluh bil-miktub.
- Meta tqajjem tħassib dan jista' jkun xi ħaġa ta' konfrontazzjoni. Int għandek mnejn tkun trid tistaqsi għal għajnuna mingħand:
  - Xi ħabib, membru tal-familja jew sapporter
  - Avukatur (persuna li titkellem għalik) tal-kura tal-anzjani, li hi persuna indipendenti li tista' tisma' t-tħassib tiegħek u tagħtik tagħrif. Biex issib avukatur bla ħlas tal-kura tal-anzjani, ikkuntattja Older Persons Advocacy Network (OPAN) (lin-Netwerk tal-Avukatura tal-Persuni Akbar fl-Età) fuq **1800 700 600**.
- Jekk ma tħossokx komdu titkellem mal-provveditur dwar it-tħassib tiegħek, jew jekk meta tkellimt mal-provveditur ma sewa xejn, int tista' titkellem magħna.
- Li  tikkumenta  hu mod kif tgħidilna dwar it-tħassib tiegħek mingħajr ma tkun involut f'kif nimmaniġġjawh. Jekk trid tkun involut, l-aħjar ħaġa hi li tagħmel ilment.

April 2026

## Li tikkuntattja l-Kummissjoni huwa faċli u bla ħlas

Kulħadd jista' jqajjem tħassib magħna dwar il-kura tal-anzjani, inkluż:

- persuni akbar fl-età li qed jirċievu kura tal-anzjani
- familji, ħbieb, kerers u sapporters ta' persuni li qed jirċievu kura tal-anzjani
- ħaddiema u voluntiera tal-kura tal-anzjani
- professjonisti tas-saħħa u mediċi.

Biex tqajjem tħassib, ikkuntattjana billi:


1800 951 822

agedcarequality.gov.au

Aged Care Quality and Safety Commission
GPO Box 9819, fil-belt kapitali tiegħek


**Sib dan ir-riżors onlajn**

agedcarequality.gov.au/resource-library/top-tips-raising-concern